DEĊIŻJONI MILL-PARTIJIET KONTRAENTI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

tat-12 ta' Ġunju 2007

li tadotta regoli li jimplimentaw l-Artikolu 6a tal-Konvenzjoni dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Konvenzjoni Europol)

(2007/413/ĠAI)

IL-PARTIJIET KONTRAENTI għall-Konvenzjoni EUROPOL, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Konvenzjoni dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija [1], kif emendata mill-Protokoll li jemenda dik il-Konvenzjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6a, it-tieni inċiż tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-abbozz imħejji mill-Bord Amministrattiv u wara li kkonsultaw il-Korp Superviżorju Konġunt,

Billi:

(1) Għandhom ikunu l-Partijiet Kontraenti, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li jadottaw regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 6a tal-Konvenzjoni Europol.

(2) Il-Partijiet Kontraenti, permezz ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, qegħdin jirrispettaw l-obbligu tagħhom taħt il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward ta' l-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali, adottata mill-Kunsill ta' l-Ewropa fit-28 ta' Jannar 1981.

(3) Il-Partijiet Kontraenti ugwalment jieħdu kont tar-Rakkomandazzjoni Nru R(87)15 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa tas-17 ta' Settembru 1987 li tirregola l-użu ta' *data* personali fis-settur tal-pulizija,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "*data* personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna naturali identifikata jew identifikabbli: persuna identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'riferenza għal numru ta' identifikazzjoni jew fattur wieħed jew aktar li huwa jew huma speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha;

(b) "ipproċessar ta' *data* personali" ("ipproċessar") tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet imwettqa fuq *data* personali, kemm jekk b'mezzi awtomatiċi kif ukoll jekk le, bħal ġbir, rekordjar, organizzazzjoni, ħżin, adattazzjoni jew alterazzjoni, irkupru, konsultazzjoni, użu, żvelar permezz ta' trasmissjoni, disseminazzjoni jew b'mod ieħor tagħmel disponibbli, allinjament jew kombinazzjoni, imblukkar, tħassir jew qerda;

(ċ) "sistema kompjuterizzata ta' informazzjoni miġbura" tfisser is-sistema msemmija fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Europol;

(d) "sistema ta' informazzjoni" tfisser sistema msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Europol;

(e) "fajl ta' ħidma analitika" tfisser fajl miftuħ għall-fini ta' analiżi kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni Europol;

(f) "Stat Membru" tfisser Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni Europol;

[1] ĠU C 316, 27.11.1995, p. 2.
[2] ĠU C 2, 6.1.2004, p. 1.

(g) "parti terza" tfisser Stat jew korp terz kif imsemmi fl-Artikolu 10(4) tal-Konvenzjoni Europol;

(h) "uffiċjal Europol debitament awtorizzat" tfisser impjegat tal-Europol magħżul mid-Direttorat ta' l-Europol biex jipproċessa *data* personali maħżuna abbażi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal *data* personali kkomunikata lill-Europol għall-fini li jiġi determinat jekk tali *data* hix rilevanti għall-kompiti tagħha, u tistax tiġi inkluża fis-sistema kompjuterizzata ta' informazzjoni miġbura, bl-eċċezzjoni ta':

(a) *data* personali mdaħħla fis-sistema ta' informazzjoni skond l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni Europol;

(b) *data* personali offruta minn Stat Membru jew minn parti terza għal inklużjoni f'fajl ta' ħidma analitika speċifika kif ukoll *data* personali mdaħħla f'fajl ta' ħidma analitika skond l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Europol.

Artikolu 3

Aċċess u użu

1. L-aċċess għal *data* personali pproċessata mill-Europol taħt din id-Deċiżjoni għandu jkun limitat għall-uffiċjali tal-Europol debitament awtorizzati.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Europol, id-*data* personali pproċessata mill-Europol taħt din id-Deċiżjoni għandha tintuża biss għall-finijiet li jiġi determinat jekk tali *data* hix rilevanti għall-kompiti ta' l-Europol u jekk tistax tiġi inkluża fis-sistema kompjuterizzata ta' informazzjoni miġbura.

Artikolu 4

Regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u dwar is-sigurtà tad-*data*

1. Il-Europol għandha, waqt li tkun qed tipproċessa *data* personali taħt din id-Deċiżjoni, tikkonforma mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u dwar is-sigurtà tad-*data* stabbiliti fil-Konvenzjoni Europol, b'mod partikolari l-Artikoli 14(3), 16 u 25 u r-regoli adottati fl-implimentazzjoni tiegħu.

2. Fil-każ li l-Europol jiddeċiedi li jinkludi tali *data* fis-sistema kompjuterizzata ta' informazzjoni miġbura jew li jħassarha jew jeqridha, hu għandu jinforma b'dan lill-Istat Membru jew lill-parti terza li jkunu qed jipprovdu.

Artikolu 5

Limitu ta' żmien għall-ħażna ta' *data*

1. Deċiżjoni dwar l-użu ta' *data* personali skond l-Artikolu 3(2) għandha tittieħed malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux iżjed tard minn 6 xhur wara li tali *data* tkun ġiet irċevuta mill-Europol.

2. Fl-assenza ta' tali deċiżjoni ma' l-iskadenza tal-perijodu ta' 6 xhur, id-*data* personali in kwistjoni għandha titħassar jew tiġi meqruda u l-Istati Membri jew il-parti terza li jkunu pprovduha għandhom jiġu infurmati b'dan.

Artikolu 6

Responsabbiltà

1. Il-Europol għandu jkun responsabbli biex jiżgura konformità ma' l-Artikoli 3, 4 u 5 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-Europol għandu jinforma lill-Bord Amministrattiv u lill-Korp Superviżorju Konġunt dwar kif għandu l-ħsieb li jimplimenta din ir-responsabbiltà qabel jipproċessa d-*data* taħt din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Effett

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 12 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SCHÄUBLE